



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2362/2013, imressqa minn Juana Cruz Elena Vela Palacios, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar età tal-irtirar li tkun l-istess fl-Istati Membri kollha tal-UE

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta titlob lill-Parlament Ewropew jagħmel proposta lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tipprovdli età tal-irtirar iktar uniformi, u għalhekk inqas diskriminatorja, fil-pajjiżi kollha tal-UE. Il-petizzjonanta tipprevedi li, pereżempju, ikun hemm limitu ta' 67 sena fl-UE kollha li, iżżid tgħid, iqis stennija tal-għomor itwal, u b'hekk is-sistemi tal-pensjonijiet fl-UE jkunu awtosuffiċjenti mingħajr ma jkollhom jirrikorru għas-setturi bankarji jew tal-assigurazzjoni, li jafu joħlqu theddida għal dak kollu li wieħed ikun faddal matul haġja ta' xagħol.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-24 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

L-Unjoni Ewropea m'għandha l-ebda setgħa biex tilleġiżla dwar l-aspetti ewlenin tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet, inkluża l-età tal-pensjoni, li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-pajjiżi kollha għandhom jadattaw is-sistemi tagħhom ta' pensjonijiet għaż-żieda fl-istennija tal-għomor, u dan għandu jsir kontinwament u mhux billi tiġi stabbilita età fissa b'liġi Ewropea jew nazzjonali. Hemm ukoll modi differenti kif jiġu adattati s-sistemi tal-pensjonijiet, inkluż billi l-età tal-pensjoni tintrabat ma' tibdiliet futuri fl-istennija tal-għomor, jew permezz ta' inċentivi lin-nies biex jipposponu l-irtirar tagħhom hekk kif l-istennija tal-

għomor tiżdied (eż. billi jiżdiedu l-għadd ta' snin ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa għal pensjoni sħiħa). L-istennija tal-għomor tvarja minn Stat Membru għal ieħor, u n-nies jistgħu wkoll ikollhom preferenzi differenti fir-rigward tal-età li fiha jkunu jridu jirtiraw – u x'livell ta' kontribuzzjonijiet huma lesti li jħallsu għal dan.

L-UE tirrispetta din id-diversità fl-Istati Membri u tista' tilleġiżla biss fuq aspetti speċifiċi ħafna tal-pensjonijiet, bħal dawk li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern (il-moviment liberu tal-persuni, il-libertà tal-provvista tas-servizzi, il-ħarsien tal-konsumatur), biex tindirizza d-diskriminazzjoni (fuq il-bażi ta' sess, b'mod partikolari), u biex tħares id-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari f'każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom. F'dan il-kuntest, għadd ta' regolamenti u direttivi tal-UE li jaffettwaw l-iskemi tal-pensjoni fl-Istati Membri diġà jinsabu fis-seħħ.

L-Istrateġija Ewropa 2020 tal-UE hija l-qafas għal koordinazzjoni akbar tal-politiki nazzjonali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, permezz ta' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi. Dan il-proċess huwa meġġun mix-xogħol ta' kumitati ta' politika (il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat tal-Impjiegi, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika) li jiġbru flimkien uffiċjali għolja mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jeżaminaw fid-dettall l-isfidi speċifiċi marbuta mal-adeġwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet u l-promozzjoni ta' ħajja itwal fid-dinja tax-xogħol.

L-UE tista' wkoll timmobilizza l-fondi biex tikseb ċerti miri ta' politika marbuta mal-pensjonijiet. Il-Fond Soċjali Ewropew jista' jintuża biex jippromwovi l-impjegabbiltà u l-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol għall-ħaddiema akbar fl-età. Barra minn hekk, l-UE tippromwovi l-kooperazzjoni u t-tagħlim reċiproku, notevolment permezz tal-*Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni*.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni Ewropea involviet ruħha f'attivitajiet li jikkontribwixxu biex jiżguraw skemi ta' pensjoni sostenibbli. Madankollu, hija m'għandha l-ebda kompetenza biex tippromovi leġislazzjoni li ttipprova għal età pensjonabbli uniformi għall-Istati Membri kollha.